**24 ta' Marzu, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Dalli et.

*versus*

Michael Attard.

**Digriet Interlokutorju — Nomina ta' Perit — Nullità — Art. 219(1) tal-Kap. 15.**

*Digriet li bih jiġi nominat perit huwa digriet interlokutorju, u bħad-digrieti interlokutorji kollha għandu jiġi moqri jew pronunzjat fl-udjenza; altrimenti dak id-digriet huwa null, avvolja jingħata wara li l-ġudikant ikun sama' lill-avukati fl-udjenza.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni tal-atturi, li biha, wara li ppremettew li b'kuntratt riċevut minn Nutar Joseph Raymond Grech fis-27 ta' Marzu 1957 saret id-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejn il-konvenut u martu Giuseppa, bint l-attur Giuseppe Dalli u oħt l-atturi l-oħra, li mietet intestata fl-ewwel ta' Marzu 1957; u li din hija effett ta' vjolenza u dolo da parti tal-konvenut u żball da parti tal-atturi, u barra minn dan hija soġġetta għar-

rexissjoni minħabba leżjoni, kif jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża; talbu (1) li l-imsemmi att, kif ukoll il-konvenzjoni tat-8 ta' Marzu 1957 fl-atti tal-istess Nutar Joseph R. Grech, jiġu għar-raġunijiet imsemmija, annullati u rexissi; (2) li tiġi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija, billi tiġi dikjarata tikkonsisti f'dawk il-beni li jirriżultaw; (3) li din il-komunjoni tiġi diviża f'żewġ porzjonijiet ugwali, li jiġu assenjati waħda lill-konvenut u l-oħra lill-eredità tal-imsemmija Giuseppa Attard; (4) li jiġi likwidat l-assi partikulari ta' Giuseppa Attard, billi jiġi dikjarat jikkonsisti fil-porzjoni relattiva tal-komunjoni talakkwisti u fil-beni li jirriżultaw waqt il-kawża, u jiġi diviż fi tliet porzjonijiet ugwali, u waħda tiġi assenjata lill-konvenut, u t-tnejn l-oħra lill-atturi f'partijiet ugwali bejniethom;

Rat in-nota tal-eċċeżżjonijiet tal-konvenut, li qal li hu ma uża ebda pressjoni . . . . . ;

Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih innominat lill-Avukat Dottor Paul Mallia bħala perit legali biex jirrelata . . . . .;

Rat ir-rikors preżentat fil-15 ta' Jannar 1960, li bih l-atturi talbu li r-relazzjoni tal-perit legali tiġi sospiża sakemm issir valutazzjoni tal-azjenda "Michael Attard Limited" kompriża fid-diviżjoni, u talbu li l-Qorti tagħti l-provvedimenti opportuni għal dan l-iskop;

Rat ir-risposta tal-25 ta' Jannar 1960, li biha l-konvenut oppona ruħu għal dik it-talba, però l-imsemmija Qorti b'digriet tas-16 ta' Marzu 1960, laqgħet it-talba tal-atturi, u għall-finijiet tagħha nnominat lil Paul Busuttil, a spejjeż provviżorjament tal-atturi;

Rat ir-rikors li bih il-konvenut appella minn dan id-digriet, u talab li jiġi revokat jew dikjarat null fis-sens u għar-raġunijiet indikati fl-istess rikors, billi jiġi f'kull każ ukoll dikjarat illi ma hemmx lok għall-valutazzjoni mitluba mill-atturi; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fil-paragrafu ta' qabel l-aħħar tar-rikors il-konvenut irrileva illi d-digriet impunjat ingħata "aktarx b'mod kamerali", mentri kien imissu jingħata waqt l-udjenza bħala digriet interlokutorju, kif fis-sustanza tiegħu hu dak id-digriet; għalhekk in-nomina tal-perit stimatur magħmula fih tista' tkun nulla, billi jkun null id-digriet li bih saret";

Huwa evidenti li jixraq fl-ewwel lok li tiġi eżaminata din il-kwistjoni; għax jekk l appellant għandu raġun, ma jkunx hemm bżonn li jiġu eżaminati u deċiżi, f'dan l-appell, il-kwistjonijiet l-oħra sollevati mill-istess appellant;

Mhux kontestat illi d-digriet appellat hu digriet interlokutorju, ċjoè wieħed minn dawk l-ordnijiet, kif ġew diversi drabi deskritti fil-ġurisprudenza preparatorji jew ordinatorji tal-kawża, ossija provvedimenti dwar l-istruzzjoni tal-kawża u l-proċedura, li soltu jissejħu "preparatorji", u dawk li jirregolaw jew jiddeterminaw il-provi relattivi għall-meritu in kontestazzjoni, u li jissejħu "ordinatorji" (ara, e.g. Vol. XXXIX-I-228, u Vol. XXXIV-I-714, u sentenzi hemm ċitati);

Anqas hu kontestat illi dak id-digriet, fil-fatt, ma ġiex "pronunzjat" fl-udjenza, għad illi ngħata wara li l-ġudikant kien sama' fl-udjenza lill-avukati tal-partijiet;

Il-kwistjoni issa hi jekk dan il-fatt l-aħħar imsemmi jġibx in-nullità tad-digriet; fi kliem ieħor, jekk digriet interlokutorju, in ġenerali, u in ispeċje d-digriet in kwistjoni, għandux taħt piena ta' nullità, jiġi moqri jew pronunzjat fl-udjenza;

Rigward is-"sentenza" hemm id-dispożizzjoni ċara u testwali tal-art. 24 tal-Kodiċi ta' Proċedura u Org. Ċivili (Kap. 15 E.R.), li tgħid illi s-sentenzi, fil-każijiet kollha (anki meta f'każijiet eċċeżżjonali, is-smiegħ tal-kawża jkun sar bil-magħluq), għandhom jingħataw bil-miftuħ, ċjoè fl-udjenza publika. Il-kliem tat-test ingliż huma "shall

be delivered in public"; it-test taljan antik kien jgħid "devono essere profferite pubblicamente";

Dwar id-digrieti interlokutorji ma hemm ebda dispożizzjoni espressa simili ta' applikazzjonijiet ġenerali, u anqas ma hemm ebda dispożizzjoni speċjali rigward id-digrieti ta' nomina ta' periti, bħal ma hu dak in kwistjoni;

Għad illi f'sens ġeneriku, kif ġa ntqal, il-frażi "digrieti interlokutorji" donnha ġiet applikata għall-ordnijiet u provvedimenti kollha mogħtija mill-Qorti fil-kors u in konnessjoni mal-kawża, mill-kumpless tal-liġi donnu jidher li għandha ssir distinzjoni bejn ċerti provvedimenti li l-Qorti tagħti u tista' tagħti, kameralment, u oħrajn li huma l-veri digriet interlokutorji stricto sensu, kif xi drabi ġew deskritti f'xi sentenzi. Bosta drabi l-liġi, meta tawtorizza jew tirrikjedi li l-Qorti tagħti awtorizzazzjonijiet jew provvedimenti li jkunu meħtieġa jew preskritti fl-andament tal-kawża, ma tistabbilixxix forma jew isem speċjali għal dawk il-provvedimenti. Iżda hemm, mbgħad, ċerti każijiet, li fihom il-liġi tgħid espressament, jew inkella jidher mill-kumpless tad-dispożizzjonijiet relattivi, illi l-provvediment għandu jingħata "b'digriet";

Din id-differenza donnha tirriżulta mid-dispożizzjoni tal-art. 559(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura. Is-subart. (1) ta' dan l-artikolu jgħid illi l-Qorti għandha tiċħad li tinġieb kull prova li jidhrilha li mhix rilevanti, jew li hija żejda, jew li jidhrilha li mhix l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib. Mbgħad is-subart. (2) jgħid:— "Where evidence tendered by any party is disallowed, it shall be lawful for such party to demand that the ruling of the Court in regard to the disallowance of such evidence be made by a decree; but where only a question to the witness has been disallowed, the party may demand only that a record thereof be made in the proceedings in the manner which the Court shall, according to circumstances, direct";

Jidher illi bil-kliem "shall be made by a decree" il-liġi qegħdha tivviżwalizza xi ħaġa iżjed formali u solenni, li għandha tirrivesti u tikkaratterizza l-ordni jew il-provve-

diment tal-Qorti. Il-kuntrast ma jidherx li hu biss bejn "digriet" u, per eżempju sempliċi "verbal" li merament jirreġistra fatt; imma anki bejn digriet fis-sens li hu ntiż fid-dispożizzjoni in kwistjoni u sempliċi provvediment kamerali jew informi;

Dispożizzjonijiet oħra fejn il-liġi wkoll tistabbilixxi illi ċerti provvedimenti jingħataw fil-forma ta' digriet insibuhom, per eżempju, fl-art. 142(3) u (4), fejn l-ordni tal-Qorti għan-nota korrettorja tal-petizzjoni għandu jingħata "b'digriet" (kif jgħid testwalment it-test malti, u kif kien jgħid it-test antik taljan tal-korrispondenti art. 161), fl-art. 618 dwar ir-rogatorji, fl-art. 960 dwar il-kjamata fil-kawża, u fl-art. 683, kombinat ma' ta' warajh, dwar l-ordni biex isir aċċess;

Ta' din l-istess xorta jidher li hu l-provvediment dwar il-ħatra ta' periti, kif hu dak in kwistjoni, skond l-art. 655 u ta' warajh, taħt is-subtitolu relattiv;

Dawn u oħrajn bħalhom jidhru li huma l-veri digrieti interlokutorji "stricto sensu" kontemplati fl-art. 219 u 227 tal-Kodiċi Huma l-provvedimenti pre-ordinati għall-iżvolġiment tal-kawża, li donnhom jikkorrispondu għal dawk li fil-proċedura taljana kienu jissejħu "ordinanze" (bħala ħaġa distinta mis"sentenze" minn naħa waħda u mis-sempliċi "decreti" minn naħa l-oħra), u għal dawk li Sir Antonio Micallef, fit-trattat tiegħu "Delle Procedure Civili," isejjaħ "sentenze interlocutorie, le quali non determinano pienamente la causa, ma bensì riguardano qualche incidente nel principio o nel mezzo della causa", u jsemmi bħala eżempji tagħhom "nomine di periti, accessi, giuratorie cauzioni, ed altri atti collaterali" (Tit. IV, paġ. 271);

Issa, il-liġi fl-art. 219(1) tgħid:— "Interlocutory decrees shall be delivered and recorded in the manner provided in the preceding sections of this Title", ċjoè bħas-sentenzi. Fit-test taljan il-kliem użat kien "saranno profferiti e registrati i decreti interlocutori . . . . " Dwar is-sentenzi l-art. 214 jgħid kif għandhom ikunu "delivered" (test taljan "profferiti"), u l-art. 218 jgħid illi meta s-sentenza tiġi "delivered" ("profferita"), ir-Reġistratur għandu jir-

reġistra d-deċiżjoni flimkien mal-motivi "given by the Court" ("profferiti dalla Corte");

Dan kollu, mela, skond l-imsemmi art. 219, jgħodd ukoll għad-digrieti interlokutorji;

Jgħodd ukoll għalihom, meta huwa applikabbli, l-art. 216, li jeżiġi illi fis-sentenza jkunu premessi l-motivi, u jkun hemm tismija tat-talba u tat-tweġiba, b'mod illi s-sentenza tkun tista' tiftihem sewwa;

Minn dan jidher, fil-fehma tal-Qorti, illi d-digrieti interlokutorji mhumiex kull xorta ta' ordni jew provvediment tal-Qorti, imma d-digrieti veri u proprji li għandhom ikollhom il-forma u r-rekwiżiti bħas-sentenzi;

Issa, il-kelma "delivered", speċjalment meta wieħed iqies illi oriġinarjament kienet traduzzjoni tal-kelma "profferiti", tindika "pronunċjament" jew "għoti jew qari bil-fomm";

Dan jidher li hu konfermat mill-prattika nterpretattiva li huma biss id-digrieti li jiġu pronunċjati mill-Qorti fl-awla u formulati kif intqal fuq, li jiġu reġistrati bħas-sentenzi;

Huwa wkoll dawn ix-xorta ta' digrieti "biss", li għalihom jidher li jiġi ntaxxat dritt separat kif provvdut fit-tariffa għad-digrieti fil-kawża;

Kieku anki kien hemm xi dubju minn dak li ntqal illi d-digrieti interlokutorji għandhom jiġu "profferiti" jew "pronunċjati", dan id-dubju jidher li għandu jiġi mneħħi, meta wieħed iħares lejn l-art. 227(2), li jistabbilixxi ż-żmien ta' jumejn tax-xogħol għall-appell minn digriet interlokutorju qabel is-sentenza definittiva, "from the day on which the decree is delivered", "entro due giorni utili dalla pronunziazione del decreto";

U hemm raġuni ċara ta' praticità għaliex għandu jkun hekk. Iż-żmien għall-appell hu qasir ferm, u huwa ovvjament ġust li almenu għandu jibda jgħaddi minn ġurnata —

bħal ma hi dik ta' udjenza publika li għaliha tkun appuntata jew aġġjornata l-kawża — li fiha l-parti kienet preżenti, jew setgħet kienet preżenti, u taf bil-għoti tad-digriet;

Il-Qorti ma tafx — għax ma jidherx mill-proċess — kif fil-każ preżenti l-appellant sar jaf bid-digriet appellat. Fih stess però ma jidherx li hemm ebda ordni għall-kommunika lill-partijiet;

Minn dan kollu l-Qorti hi ta' fehma illi d-digriet in kwistjoni messu ġie mogħti fl-udjenza. Ma jidherx li hemm dubju illi digrieti ta' nomina ta' periti fil-prattika dejjem jingħataw b'dan il-mod;

Il-Qorti ma jidhriliex li dan hu difett ta' sempliċi forma, li għalih jista' jkun applikat l-art. 792(c) tal-Kodiċi tal-Proċedura;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell, fis-sens li tiddikjara illi d-digriet appellat hu null u bla effett, u tordna li l-atti jiġu rimessi lill-Ewwel Qorti. L-ispejjeż tal-inċident, minħabba ċ-ċirkustanzi, jibqgħu bla taxxa, bejn il-partijiet, ħlief id-dritt tar-Reġistru li jitħallas mill-appellati.